# *L-Istorja tal-Parroċċa tal-Gzira*

*Joe Ian Attard*





Is-sena l-oħra rajna l-oriġini tal-Parroċċa tagħna, jiġifieri it-tfigħ tal-Gebla li sseħħ nhar 10 ta' Lulju 1902. Din is-sena se ngħalqu l-mitt sena minn dan il-każ stramb ll ħalla timbru fl-istorja ta' Beltna. Is-sena l-oħra ktibt fit-tul fuq dan is-suġġett u għalhekk m'hemmx għalfejn nirrepeti. Din is-sena se naraw il-konsegwenzi tat-tfigħ tal-Gebla. Din is-sena sejrin inqallbu paġna oħra fl-istorja tal-parroċċa tagħna.

Dak li sseħħ wara sena 1902 kollu marbut ma saċerdot żagħżugħ DUN ANTON MANCHE' [1869-1935]. Qassis karkariż ll qaddes fl-1893. Ma kienx ilu jgħin lil ħuħ fil-parroċċa Matrici ta' Stella Maris għax disa' snin wara fl-1902 ġie uffiċċjalment appontat Viċendarju tal-Kappella ll nbniet bi flus is-Sur Bert Grixti. Infakkarkhom li l-Isqof PIETRU PACE [1889 1914] mill-ewwel ra lil Dun Anton Manche' bħala il-bniedem ideali biex jieħu ħsieb din il- Kappella. Viċenda tfisser li tkun appuntat biex tieħu ħsieb żona pastorali bla ebda titlu jew tieħu ħsieb xi sant-warju , dejjem suġġett lejn il-kappillan tal-Parroċċa. Kif rajna sena l-oħra, meta il-Knisja tal-Madonna Kewkba tal-Bahar [Stella Maris] saret Parroċċa nhar il-25 ta' Diċembru 1878, iż-żona kollha tal-Gżira saret parti mill-Parroċċa ewlenija Sliemiża. Għalhekk il-Kappillan DUN FRANGISK VINCENZ MANCHE' [ħu Dun Anton] kellu l-obligu ll jieħu ħsieb pastoralment tal-ftit abitanti ll kienu jgħixu fejn illum żviluppat il-Gżira. L-ewlenin Gżirjani kien għadd żgħir ta' ftit bdiewa u ftit sajjieda mxerda mix-Xatt il-Baħar sal-Wied il-Kappara biswit il-Kappella ta' San Gwann tal-Għargħar. Wieħed jobsor xi tbatija kellu il-Kappillan ta' Stella Maris biex jbierek l-ftit irziezet tal-bdiewa u l-għarajjex tas-sajjieda qrib il-baħar. Dawn l-imsejkna abitanti kellhom bil-fors jterqu lejn tas-Sliema, xita jew xemx, biex jisimgħu l-quddies u jaqdu dmirhom bħala nsara. Zgur qatt ma ħolmu li xi darba kellu jinbena maqdes zgħir għall-kumdita' tagħhom. Qassisin anzjani ta' Stella Maris kienu jirrakuntaw xi tbatija kellhom biex ibierku l-akwati tal-Gżira rurali. U x'battikata kellhom biex mill-mogħdijiet mħarbta qalb ir-raba' kellu jitniżżel is-Santissimu Sagrament bil-Baldakkin għall-Vjatku tal-Morda, il-bini tal-Kappella kien il-bidu ta' bidla radikali minn żona rurali għall-Belt residenzjali. Għalhekk il-figura ta' DUN ANTON MANCHE' kellu jkun missier il-Gżira. Id-destin kattiv għax minħabba Dun Karlu Manche', DUN ANTON MANCHE' spiċċa bit-titlu ta' 'Manche' ix-Xih." Dun Anton żgur ma kienx xiħ meta beda jieħu ħsieb iż-żona tagħna. Meta ġie l-Gżira fl 1902 kellu 33 sena, kien fl-aħjar ta' saħħtu. Jekk laqqamnih



Dun Karlu Manche

"ix-Xiħ" għandna ngħidu wkoll li xjaħ biex jara l-Gżira ssir Belt moderna. Kien hu li ħela l-enerġija kollha tiegħu biex jieħu ħsieb l-erwieħ u jibni knisja spazzjuża għall-abitanti tal-futur. Dun Anton kien viżjonarju u mhux l-ewwel darba ma kienux jifmuh għax kien jaħseb għall-futur. Ftit jafu li b'riħet Dun Anton inġiebu l-ewwel servizzi bħal dawl elettriku, ilma u drenaġġ. Il-kelma perswaživa tiegħu kienet iġġiegħel lil Awtoritajiet Civili jaħsbu biex il-Gżira tiżviluppa b'mod ordinat. Lil dan il-qassis għaref għad irridu niskopru aktar fuqu. Jien laqqamtu "Missier il-Gżira" u naħseb li għandi raġun. Illum diffiċli nifmhu kemm ħabrek għall-Gżira dan is-saċerdot. U ngħid bla tlaqliq li mhux biżżejjed li għandna l-iskola Primarja msemmija għalih iżda nemmen f'monument f'post prominenti għandu jsir biex ma ninsewx ħidmiethu.

Il-Kappella kienet zgħira u kienet tesa' mitejn ruħ biss. Mill-ewwel tqiegħed l-inkwadru tal-Madonna tal-Gebla fil-Kappella li nbniet. Il- Kappella kienet qisa' Santwarju Marjan żgħir, għax nies minn Malta u Għawdex kienu jiġu u jinviztaw "Il-Madonna tal-Gebla" Xhieda ta' dan naraw illum oġġetti tal-fidda "Ex Voto" li jindikaw x'tip ta' grazzi li qalgħet l'Omm Divina. Insibu trabi, saqajn, għajnejn xhieda ta' ħlas tajjeb, mard talgħajnejn, fejqan minn xi ksur serju tar-riġel. Dawn jinstabu f'żewġ vetrini laterali biswit l-inkwadru tal-Gebla int u dieħel fis-Sagrestija. Ngħaddu mgħaġġla biex inqerru, iżda qajla nagħtu każ x'hemm f'dik il-Kappella.

Fl-istorja ekkeleżżjastika u twaqqif ta' Parroċċi ġodda fil-gżejjer Maltin kważi dejjem ġab miegħu ħafna tilwim. Dan id-diżgwid kien jseħħ għax il-Matrici li tkun se tnaqqas biċċa mit-Territorju tagħha kienet tagħmel kull xkiel biex il-firda ma sseħħx. Dan kien jiġri mhux b'għira iżda għax kien jinqaras il-but tal-Kleru. Dari il-qassis ma kienx jitħallas mill-kurja iżda kien jgħix bl-elemożina [għixien] mill-Quddies tal-Mejtin, piżijiet piji , ġuspatronati u xi fondazzjonijiet perpetwi. Il-qassis hu bniedem wkoll u jekk toqroslu butu bħal kull bniedem ieħor minn ħaruf jsir ljun. Fil-każ tagħna dan ma ġarax għax dejjem kellna il-Barka tal-Awtoritajiet tal-Knisja.

Dun ANTON MANCHE' kellu lil ħuh Kappillan ta' Stella Maris għalhekk tfixkil qatt ma seta' jseħħ. Dun FRANGISK VINCENZ MANCHE' il-Kappillan tal-Matrici fehem li x-xaqliba tal-Gżira kienet se tiżvilluppa u b'ħuh bħala Viċendadu kellu rasu mistrieħa li s-sagramenti mqaddsa kienu jingħataw lill-abitanti ta' dawk iż-żmienijiet. Meta għadda ż-żmien inħasset il-ħtieġa li ħidmet Dun Anton Manche' tingħaraf aktar mill-Awtoritajiet tal-Knisja. Il-pass li jmiss kien li l-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena issir VICI PARROĊĊA ta' STELLA MARIS. Ix-xewqa tal-ewlenin Gżirjani intlaqet mill-Kurja Arċiveskovili. Zgur li kellna l-appoġġ tal-Kappillan ta' Stella Maris għax nhar is-7 ta' Lulju 1913 il-Kappella li bena is-Sur Bert Grixti saret VICI PARROĊĊA taħt it-titlu TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA permezz ta' digriet maħruġ mill-isqof PIETRU PACE 1889-19141. Għal hekk bħala Viċi-Parroċċa setgħu jingħataw is-sagramenti kollha minbarra ż-żwieġ. Fis-sena 1913 Malta rat festi kbar tal-Kungress Ewkaristiku, fejn Malta laqgħet bosta mistidnien distinti mill-ġerarkija tal-Knisja Internazzjonali.

Għadda ż-żmien u Dun Anton kompla jaħli l-enerġija tiegħu għall-ġid tal-merħla afdata f'idejh. Ħidmet Dun Anton kemm il-darba ġiet imfaħħra mill-Isqof meta dan kien jagħmel xi żjara Pastorali. Mal medda taż-żmien in-nies ġol-Gżira bdiet toktor, u għal Dun Anton feġġet problema oħra għalih iċ-ċokon tal-Kappella. Dun Anton kien bniedem għaref u viżjonarju. Ma għaġġilx biex jibni il-



L-Isqof Mauro Caruana

Knisja, iżda kompla jitħabat biex il-Kappella tal-Madonna tal-Hniena tinfired darba għal dejjem mill-Matrici. Gara li hu Dun Anton Manche' miet fis-7ta' Frar 1918 u bħala Kappillan ta' Stella Maris laħaq Dun RAFEL CAPPURRO [1919-1940] qassis Senglean. L-għajnuna li kellna minn Dun FRANGISK VINCENZ MANCHE' issa tlifniha. Pero' f'Malta wkoll seħħew xi bidliet fil-mentalita'. Wara l-mewt tal-isqof PIETRU PACE [1889-1914] li ġrat nhar id-29 ta' LULJU 1914 laħaq isqof ġdid E.T. MAURO CARUANA O.S.B. Patri Benedittin Furjaniż li studja l-Iskozja u kien magħruf għall-idejat moderni tiegħu. L-Isqof MAURO CARUANA [1915-1943] wkoll żar il-Gżira u faħħar ħidmet Dun Anton Manche' fil-Gżira. Issa kien wasal iz-zmien li l-Gżira issir Parroċċa indipendenti. Nhar id-29 ta' Settembru 1918 l-Isqof Caruana fired il-Parroċċa tas-Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Gesu' tas-Sliema. Peress li geografikament il-Gżira tmiss mat-territorju tas-Sacro Cuor, l-Isqof qiegħed il-Viċi Parroċċa tal-Gżira bħala "Sukkursali" [tgħin] fil-parroċċa l-ġdida Sliemiża. Infakkru fi l-aħħar ftehim fuq il-limiti Parrokkjali bejn iż-żewġ parroċċi sseħħ nhar il-31ta' Jannar 1942 bejn Patri Ġorġ Xerri u Dun Karlo Manche fejn kien ġie miftiehem li t-toroq Moroni u Parisio jaqsmu l-limiti taż-żewġ parroċċi kif għadhom sal-ġurnata tal-llum.

L-Isqof MAURO CARUANA issa fehem li biex l-abbitanti tal-Gżira jinqdew aħjar kien hemm bżonn li nsiru Parroċċa awtonoma. Kien jum memorabli nhar l-Għid il-Ħamsin il-Ħadd15 ta' Mejju meta l-Isqof Caruana ħareġ id-digriet mill-Kurja fejn spjega ċar u tond li issa l-Kappella saret parroċċa awtonoma mhux taħt it-Titlu "tal-Ħniena" iżda taħt il-Patrocinju tal-MADONNA TAL-KARMNU kif kien xieraq. Kellhom biex jifirħu n-nies tal-Gżira dak il-Jum Għażiż għax issa sirna Parroċċa awtonoma bil-privileggi li ggib magħha. Ftit gimgħat qabel Malta kienet għada kif ferħet bil-Ftuh tal-ewwel Parlament Malti taħt il-Kostituzzjoni AMERY MILNER.

Dun ANTON MANCHE' ħa l-pussess uffiċċjali tal-Parroċċa. Dun Anton kien raġel għaqli u ma għaġġilx. Ma ħallix il-pressjoni tan-nies tgħaġġlu biex jkabbar il-kappella ċkejkna. Dun Anton l-ewwel ried li nkunu Parroċċa u wara naħsbu biex nibnu tempju spazzjuż għall-ġenerazzjoni tal-futur. Dun Anton issa seta' jkompli jaħli l-enerġija tiegħu biex jinbena tempju akbar u li jesa' lill-kullħadd. Dun Anton kien kuraġġuz, medd għonqu għax-xogħol mill-ewwel. It-Tempju li ħadem għalih Dun Anton kien kbir wisq għan-nies ta' dak iż-żmien. Il-Kappillan Manche' minkejja t-taqtih il-qalb, sab nies b' qalb ġeneruża li dlonk għenuh. L-ewwel Benefattur li nsibu kien il-Maġġur GUZEPPI MUSCAT li irregala medda art kbira mingħajr ħlas, biex fuqha jinbena t-tempju l-ġdid. Kienu bosta nies li kkummentaw fuq il-kobor tal-Knisja u kien intqal 'Għalfejn se tinbena Knisja kbira daqshekk?" Grazzi għal Dun Anton li ħaseb għal quddiem illum għandna biex inkunu grati lejh għax il-Knisja nbniet darba u ma kellniex problemi li nkabbru l-Knisja jew nibnu oħra akbar aktar tard.

Issa bl-art lesta għall-bini, insibu benefattur ieħor li żgur kellu jwettaq xewqet Dun Anton. Minn bosta familji karkariżi li ġew u bnew djarhom ġewwa l-Gżira, insibu lill-bennej ANTONIO SAMMUT imlaqqam "iċ-Ċirwiel". Dan il-bennej bravu u mfaħħar għall-xogħolu, kien diġa' bena bosta "Baracks' tas-suldati Ingliżi. ANTONIO SAMMUT kellem lill-Kappillan fejn qallu li lest li jibni l-Knisja l-ġdida mingħajr ħlas. L-imgħallem Sammut ħejja pjanta ta' Knisja Bazilkali, fejn wkoll nsibu lill-Perit FRANCESCO SAVERIO CARUANA li wkoll ffirma l-Pjanti mingħajr ħlas. Il-pjanti ġew sottomessi lill-Kurja tal-Isqof, fejn dlonk ħareġ il-permess biex tinbena l-Knisja l-ġdida.



L-Isqof Pietro Pace

Ta' min jinnota li fil-bidu tas-seklu għoxrin rajna xejra ġdida fil-bini tal Knejjes. Kif konna mdorrijin il-Knejjes tagħna kważi kollha ġew mibnija b'forma ta' salib latin. Din it-tradizzjoni ħarġet mil-Konċilju ta' TRENTO li kien sar fl-Alto Adige l-Italja bejn it-13 ta Diċembru 1545 u l-4 ta' Diċembru 1563. Dan jixduh bosta knejjes barokki u manneristi li jżejnu l-ibliet u l-irħula Maltin u Għawdxin. Il-Knisja tal-Gżira għandha xebħ kbir mal-Knisja tal-MARSA li kienet nbniet bejn 1909-1913 bi flus it-Benestant Lorenzo Balbi u Carmela Ozzini. Meta ngħidu stil bażilikali ifisser li l-istruttura tat-tempju tkun mibnija għat-tul. Qabel ma ġġew fostna l-Kavallieri ta' San Gwann il-Kappelli Medjovali li nbnew kienu jinbnew b'din il-forma. Xhieda ta' dan nistaw naraw it-Kappelli ta' Bir Miftuħ jew ta' Hal Milleri. Il-knisja tal-Gżira hija mgħamula minn Kursija b' erba' navi kull naħa żewġ ali laterali li fit-truf tagħhom nsibu bieb laterali għaz-zuntier, filwaqt it-tarf l-ieħor jwasslek għal nava baxxa li toffri dħul eleganti għall-Kappella laterali. F' tarf il-Kursija nsibu il-Presbiterju, l-aktar parti għażiża tal-knisja għax hemm jinżamm Gesu' Sagramentat. Il-Kursija hija msaqqfa fuq is-second ordni [attiku] permezz ta' lunetti kbar li fihom nsibu twieqi enormi li jdawwlu l-Knisja tagħna f'kull ħin tal-ġurnata. L-Ali Laterali huma msaqqfa permezz ta kassettuni ekwidistanti mimlija bir-rużuni sbieħ. Il-Kappelli laterali huma mibnija fuq erba' absidi lixxi u huma msaqqfa b' koppletta mingħajr tanbur, iżda mdawwla tajjeb permezz ta' Lantemi għolja mibnija fuq l-iskutella tal-koppletta. Is-Saqaf tal-Kursija msaħħaħ sewwa permezz ta' sitt kollonni taż-żonqor [tal-Qawwil] [Lower Coralline Limestone]. L-għoli tal-Knisja jassorbi sewwa d-dawl tax-xemx filwaqt li jpaxxi id-dehra estetika u urbanistika ta' beltna. L-arkittetura hija Dorka Klassika, stil Grieg magħruf għas-semplicita' u l-eleganza tiegħu.

Il-Knisja damet tinbena' sbatax-il sena, fejn ħafna nies ħabirku ħalli jinġabru il-fondi meħtieġa għall-bini. L-imgħallem Sammut qabbad lill-bennej impjegat GEJTU SCIBERRAS biex jibni l-knisja l-ġdida. L-Imgħallem Antonio Sammut kien ta' kuljum jissorvelja x-xogħol tal-bini. Għal kemm il-Providenza divina bagħtet nies ġeneruzi xorta ried jinxtara l-ġebel mill-Barrieri u jitħalsu l-bennej u l-manwala li bnew it-tempju. B'termini ta' Accounting nistaw ngħidu li l-Bini tal-Knisja tagħna ġie jiswa 'at cost price.' Xorta kellhom jsiru sagrifiċċji kbar biex l-iskop jintlaħaq. Fost bosta nies li nbarkaw għall-Proġett tal-Knisja nsemmu lil tlitt qassisin DUN FRANGISK SAVERJU MIZZI, DUN GUZEPP MAMO u DUN SALV ZAMMIT. Ma dawn il-qassisin ħabrieka nsibu wkoll lill-Koppja ENRICO u BERNARDA CAUCHI u wliedhom. Ma dawn nżidu wkoll lill-famlija MANGION li flimkien għamlu tim qawwi b' determinazzjoni li jitlesta t-tempju l-ġdid. Kienu sbatax-il sena ta' Sagrificcji kbar fejn kulħadd għen. Bejn 1922 u 1935 kienu jiġbru bieb bieb, jagħmlu l-fieri u tombli ħalli jinġabru fondi biżżejjed għall-knisja l-ġdida tal-Gżira. Kemm il-darba għall-fieri kienet idoqq gratis il-Banda Stella Maris. Difatti l-ewwel programm li daqqet din il-banda barra tas-Sliema kien appuntu għall-Festa tal-Gzira ta' l-1914. Dan hu fatt storiku ieħor li ftit nies jafuħ. Ngħidu grazzi lill-bandisti u s-soċi tal-Banda Stella Maris li wkoll taw sehemhom għall-bini tal-knisja tagħna. B' ħidmet Dun Anton Manche' għandna Knisja arjuza u spazjuża li tesa' lill-Komunita' tal-Parroċċa tagħna. Sfortunatament il-mewt kiefra ħasdet ħajjet Dun Anton Manche' nhar it-8 ta' Frar 1935 meta' ix-xogħol tal-bini kien kważi lest.

Illum lil Dun Anton Manche' insibuh bħala "Manche' ix-xiħ" dan gara' għax fl-1928 qaddes qassis żagħżugħ Dun CARLO MANCHE' li mill-ewwel laħaq Vici Parroku tal-Kappillan Dun Anton Manche'. Miskin lil Dun Anton Manche' qala' t-titlu ta' "Xiħ" - zgur li xejiħniħ aħna għax dan il-



povru qassis ħela 34 sena ta' ħidma siewja kemm pastorali kif wkoll soċjali. Għalhekk sejaħtlu "Missier il-Gżira". Zgur li ħaqqu dan it-titlu. Wara l mewt ta' Dun Anton, l-isqof Dom MAURO CARUANA [1915-1943] għażel lil Dun CARLO MANCHE' bħala t-tieni Kappillan tal-Gżira. Dun Carlo ha l-pussess tal-Parroċċa nhar it-12 ta' Marzu 1935. Dun Carlo kellu jkompli l-aħħar fażi tal-bini tat-tempju l-ġdid. Wara ħafna sagrifiċċji il-Knisja ġiet inawgurata f'Diċembru 1935.

Naħseb li din is-sena erġajt tawwalt xi ftit, iżda naf li hawn ħafna li jaqraw dan l-artiklu tiegħi u japprezzaw il-kontenut tiegħu. Illum li sibna l-Knisja lesta għandna d-dmir li napprezzaw dak li għamlu għalina missierijietna. Illum faċli ngħaddu quddiem il-knisja jew nidħlu fiha biex naqdu dmirijietna bħala nsara u daqshekk. Irridu nieqfu ftit mill-ħajja mgħaġġla ta' żmienna u naħsbu kemm ħadmu għalina ta' qabilna. Mingħajr il-bżulija ta' qabilna żgur li l-Gżira ma tgawdix tempju sabieħ li jilqak u jiġbrok għat-talb. Aħna u deħlin il-knisja Dun Pawl Galea qallilna ċar u tond "DIN HIJA D-DAR T' ALLA DAR TAT-TALB". Nappella lill-Kunsill Lokali kif wkoll il-Kappillan biex fi triq Cameron kantuniera ma Triq Manoel issir xbieha tal-Madonna tal-Karmnu u lapida li tfakkar il-Jum tal-10 ta' Lulju 1902. Din is-sena jaħbat il-mitt sena mit-tfiegħ tal-Gebla, għalhekk xieraq li nfakkru din il gra-jja stramba li weldet il-parroċċa tagħna.

Nawgura lis-soċi tal-Banda Mount Carmel il-Festa t-Tajba. Nirringrazzja lill-Kumitat li lejh għandi ammirazzjoni tal-ħidma tiegħu għat-tixrid tal-arti tal-mużika fil-Gżira. Nirringrazzja lil kull min hu involut fit-tiżjin kemm tal-knisja kif wkoll ta' barra, nassigurhom li l-Madonna titgħaxxaq bix-xogħol tagħhom. Nawgura lill-Komunitajiet Karmelitani u Tereżjani kollha l-festa qaddisa u nawguralhom li fil-jum tas-16 ta' Lulju jkun jum għażiż u qaddis għad-devoti kollha tal-Labtu tal-Madonna. Fl-aħħar u mhux l-inqas nerġa nawgura lil Dun VINCENZ CACHIA ħidma sfieqa fostna u nwegħduh ir-rispett mistħoqq lill-Ragħaj Spiritwali tal-Parroċċa tagħna.

***Għan nom tal-Kumitat tal-Kazin tal-Banda Mount Carmel nixtieq nirringrazzja lid-Ditti, Ħwienet u Lukandi kollha li offrew reklami għal dan il-programm biex b'hekk seta jkun suċċess.***

***Filwaqt li nawguralkom il-Festa t-tajba lil kulħadd, nirrikmandaw dawn il-prodotti u s-servizzi riklamati mid-ditti u l-ħwienet u Lukandi f'dan il-programm.***

***Reno Desira***